# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju, 2019.**

**Numru 9**

**Rikors numru 67/17RGM**

**Alexandra Portelli**

**v.**

**Mario Portelli**

Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mill-konvenut minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fis-27 ta' Frar 2018 u mid-digriet moghti minn dik il-Qorti fil-11 ta' April 2018[1], li permezz taghhom dik il-Qorti laqghet it-talba attrici u ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma ta' €650 fix-xahar b'effett mid-data tal-

[1] Permezz ta' dan id-digriet l-ewwel Qorti, fuq rikors tal-konvenut wara l-ghoti tas-sentenza, dik il-Qorti ikkonstat zball manifest fis-sentenza fis-sens li l-ammont ta' €450 originalment indikat fid-decide kellu jkun ta' €650 u ghalhekk ordnat id-debita korrezzjoni.

prezentata tal-kawza, jigifieri mill-21 ta' Marzu 2017 b'dan illi l-manteniment pagabbli lill-attrici qabel din l-ahhar data ghandu jibqa' regolat bid-digrieti pendente lite; ordnat ukoll li l-manteniment ghandu jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja.

Fatti

2. Din il-kawza issegwi l-kawza numru 45/2009 fl-ismijiet inversi li permezz taghha l-konvenut [allura attur] talab, inter alia, is-separazzjoni personali minn ma' martu l-attrici [allura konvenuta] u li jigu regolati l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni personali. L-attrici, minkejja li fil-kawza fuq indikata kienet prezentat risposta guramentata, naqset milli titlob il-hlas minghand zewgha ta' manteniment ghaliha.

3. Ghalhekk sussegwentement ghal dik il-kawza, ipprezentat il-kawza odjerna li permezz taghha qeghda titlob il-hlas minghand zewgha tas-somma ta' €2,000 fix-xahar bhala manteniment ghaliha, stante li zewgha kien jahti ghas-separazzjoni personali u wkoll tenut kont tal-"introjtu adegwat" li hi tghid li ghandu mill-impieg regolari tieghu bhala *Air Traffic Controller* u wkoll, stante li fiz-zmien tal-prezentata tar-rikors guramentat[2] taghha hija kellha 50 sena u li ghalhekk kien difficli hafna ghaliha biex f'dak l-istadju ta' hajjitha tibdi karriera tenut kont li hi kienet

[2] 21 ta' Marzu 2017

waqfet tahdem fiz-zwieg fuq insistenza ta' zewgha biex tiehu hsieb il-familja taghha.

4. Min-naha tieghu l-konvenut jopponi ghat-talba attrici bazikament ghas-segwenti ragunijiet: li l-attrici hi kapaci tohrog tahdem u tmanti lilha innifisha; li l-attrici tahti ghal firda personali u, li hu mhuwiex fil-pozizzjoni finanzjarja li jissomministra dik is-somma li hu jghid hija eccessiva.

Is-Sentenza Appellata

5. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

> "**IL-PROVI.**
>
> "L-attrici, Alexandra Portelli, fl-affidavit taghha tal-24 ta' Mejju 2017[3], tiddikjara li hi pprocediet b'din il-kawza ghall-manteniment min ghand zewgha billi fil-kawza li kien fetah zewgha, 45/2009RGM hi ma ghamlet l-ebda talba ghall-manteniment. F'dik l-kawza il-Qorti kienet ordnat li 'pendente lite' zewgha ihallasha €200 fix-xahar manteniment u dan sakemm tigi definittivament deciza l-kawza.
>
> "Hi llimitat ruhha li titlob ghall-manteniment biss billi l-kawza l-ohra gja' imsemmija ghadha pendenti.
>
> "A skans ta' ripetizzjoni il-Qorti taghmel referenza ampja ghall-provi imressqa fil-kawza fl-ismijiet inversi deciza kontestwalment.
>
> "Fir-rigward tal-kapacita' lavorativa taghha l-attrici xhedet illi l-aggressivita' ta' zewgha kienet il-kagjun tad-depression li qed isoffri minnha. Hi annettiet certifikati medici b'konferma li qed tbaghti minn 'Chronic anxio depressive state' li tirrikjedi kura medika.

[3] Fol 13 et seq.

"Hi ddikjarat li l-Bord Mediku mahtur mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali f'Mater Dei ikkonferma li hi ma tistax tahdem, giet 'boarded out' u ezentata mill-obbligu li tirregistra ghax-xoghol. Saret intitolata ghall-Ghajuna Socjali ghalkemm ma ghandhiex tfal jistudjaw 'full time'.

"Hi tghid li dan jikkonferma li hi ma tistax tahdem u ghalhekk qed titlob li tinghata €2,000 fix-xahar manteniment minn ghand zewgha. Hi zzewget lilu u thoss li hu obbligat imantniha mhux il-Gvern. Hi tghid li kien zewgha li cahhadha minn karriera billi insista li hi tibqa' d-dar tiehu hsieb lilu u lit-tfal waqt li hu kompla javvanza fix-xoghol tieghu.

"Dwar il-quantum ta' manteniment li qed titlob l-attrici tghid li dan huwa ragjonevoli meta konsidrat is-salarju tal-konvenut. Fis-sena 2007, skont d-dokument Dok D minnha pprezentat, zewgha kellu paga ta'€55,264.38 fis-sena, u din baqghet dejjem tizdied.

"Hi tghid li ma tixtieqx tibqa' tghix hajja ta' stress zejjed, tixtieq li tkun f'posizzjoni li tixtri l-medicini li ghandha bzonn u mhux dawk li jipprovdi l-Gvern li huma ta' kwalita' inferjuri.

"Hi tghid li l-kondizzjoni ta' sahhitha ma tippermettilhiex li tghaddi minn kedda li tohrog mid-dar u tmur tghix fil-Qrendi, dan apparti l-fatt li fejn toqghod fil-present hu vicin il-familjari taghha. Dan hu ta' vantagg ghaliha in vista tal-kondizzjoni ta' sahhitha.

"L-attrici xehdet in kontroezami fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2017[4]. Hi ddikjarat li kienet ser tghalaq 51 sena f'Jannar 2018. Hi ma ghandhiex O Levels jew A Levels izda meta kellha 40 sena ghamlet course tal-Accounts fl-MCAST. Il-kors kien ta' sena u nghatat certifikat, Accounts Level 2.

"Qabel iz-zwieg kienet tahdem go fabbrika fejn damet tahdem kwazi 10 snin, bdiet dan ix-xoghol meta kienet ser taghlaq 17-il sena. Ix-xoghol taghha kien fil-hjata u gieli hadmet hwejjeg ghan-nies. Il-hwejjeg tat-tieg taghha hadmithom hi stess.

"Izzewwget meta kellha 24 sena u wara z-zwieg baqghet tahdem mid-dar ghal xi sena u nofs. Wara li kellha t-tifel zewgha ma riedx li tibqa' tahdem biex tiehu hsieb it-tfal. It-tifla Sarah bdiet tahdem bhala LSA u qed tistudja ghall-Masters. Hi ddikjarat, kif kienet qed tigi mistoqsija, li sentejn qabel hadmet parti zghira bhala 'extra' fil-film industry, kienet thallset u tawha x'tiekol b'xejn. Meta regghu baghtu ghaliha kellha l-Qorti u tilfitha billi ma kienx possibbli ghaliha li tmur. Hi ddikjarat finalment li ghalkemm tista' tmur fil-kazijiet rari li jibaghtu ghaliha u qalet "Imma mhux xoghol li tiekol minnu dak".

"Pauline Attard, Assistant Head, Malta Traffic Services, xehdet fl-istess seduta[5]. Hi pprezentat il-kopja tal-payslips u l-FS3's dwar l-impieg u l-

[4] Fol 42 et seq.

[5] Fol 39 et seq.

introjtu tal-konvenut Mario Portelli mis-sena 2007 sal-ahhar paga li harget. Hi ddikjarat li f'Jannar 2007 kellu paga gross ta'€3247, €2,401 net, u f'Jannar 2017 kellu paga ta'€7,929 gross, u €5,641 net. Il-kariga tal-konvenut hi ta' Air Traffic Controller. L-ammonti jinkludu l-allowances u l-overtime.

"Jirrizulta mid-dokumenti pprezentatpprezentati minn din x-xhud li l-konvenut Mario Portelli rceva s-segwenti salarju:

"Fis-sena 2008 rceva l-ammont gross €38,738.00, Fol 165.
"Fis-sena 2009 rceva l-ammont gross ta'€34,816.00, Fol 152.
"Fis-sena 2010 rceva l-ammont gross ta' €36,829.00, Fol 139.
"Fis-sena 2011 rceva l-ammont gross ta'€37,376.00, Fol 126.
"Fis-sena 2012 rceva l-ammont gross ta' €37,493.00, Fol 113.
"Fis-sena 2013 rceva l-ammont gross ta' €45,933.00, Fol 100.
"Fis-sena 2014 rceva l-ammont gross ta' €45,933.00, Fol 87.
"Fis-sena 2015 rceva l-ammont gross ta' €54,696.00, Fol 74.
"Fis-sena 2016 rceva l-ammont gross ta' €55,330.00, Fol 61.

"Fis-sena 2017 il-konvenut rceva kull xahar s-segwenti:
"Jannar Gross €7,929.96 Net €5,641.71 Fol 52.
"Frar Gross €9,177.99 Net €6,495.59 Fol 53.
"Marzu Gross €9,028.93 Net €6,399.53 Fol 54.
"April Gross €10,197.56 Net €7,159.16 Fol 55.
"Mejju Gross €12,338.02 Net €8,506.77 Fol 56.
"Gunju Gross €10,860.87 Net €7,590.47 Fol 57.
"Lulju Gross €13,305.41 Net €9,135.16 Fol 58.
"Awissu Gross €9,386.83 Net €6,632.43 Fol 59.
"Settembru Gross €14,495.28 Net €9,951.88 Fol 60.

"**KONSIDERAZZJONIJIET.**

"L-attrici qed titlob li l-konvenut zewgha jigi ordnat ihallasha manteniment fl-ammont ta' elfejn euro (€2,000) fix-xahar u dan ghar-raguni li zewgha irrenda ruhhu hati fil-konfront taghha ta' mohqrija psikologika, eccessi u ingurji gravi b'mod li illum l-attrici tinsab inkapaci li tahdem u tmantni ruhha.

"Il-konvenut, preliminarjament, qed jecepixxi n-nullita' u l-improponibilita'tat-talba attrici billi bejn l-istess partijiet diga' hemm kawza, 45/09RGM li ghadha pendenti u tinsab fi stadju avvanzat.

"Fil-mertu, il-konvenut jecepixxi li l-Perit Legali fil-kawza citata digja' esprima ruhhu fuq il-manteniment u r-responsabilita' tal-partijiet ghat-tifrik taz-zwieg taghom. Skont il-konvenut l-attrici kellha tistenna l-ezitu tal-kawza citata u f'kaz li ma taqbilx mad-decizzjoni tappella minnha. Hu jinsisti li l-attrici hi kapaci tohrog tahdem u tmantni ruhha, li hi tahti ghas-separazzjoni personali u li l-ammont mitlub hu eccessiv. L-attrici kellha l-obbligu li fil-kawza citata tressaq kontro talba.

"Ikkunsidrat;

"L-**Artikolu 396 tal-Kap 12** li jittratta dwar ir-Rikonvenzjoni jistabilixxi li fil-kawzi, il-konvenut jista' jaghmel kontro-talba, basta din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur, cioe':

> "(a) Meta il-kontro-talba tal-konvenut tkun gejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnha tkun gejja t-talba tal-attur: jew
>
> "(b) Meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha.

"L-effett tal-kontro-talba, skont l-Artikolu 397 hu li jsir process wiehed u li -zewg talbiet jigu decizi fl-istess kawza.

"L-**Artikolu 402 tal-Kap 12** jghid hekk:

> "Meta il-konvenut f'kawza jkun ippropona f'kawza ohra, talba konnessa ma' dik tal-attur skont l-artikolu 396, il-Qorti tista' tordna li z-zewg kawzi jigu mismughin flimkien".

"Jirrizulta ghalhekk li skont l-artikolu 396 tal-Kap 12, il-konvenut f'dawn ic-cirkostanzi partikolari, jista,' izda mhux necessarjament ghandu jaghmel kontro-talba. Ma jitlef l-ebda dritt u ma jsoffri l-ebda pregudizzju jekk ma jaghmilx kontro-talba. Dan hu ulterjorment ikkonfermat mill-artikolu 402 riprodott 'supra' li jistabbilixxi, li jekk ikun hemm zewg kawzi, dik tal-attur u dik tal-konvenut li jkun qed jipprocedi bhala attur, il-Qorti tista' tordna il-konnessjoni tal-kawzi u z-zewg kawzi jinstemghu flimkien.

"F'dan il-kaz sar propju hekk billi fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2017 din il-Qorti ordnat il-konnessjoni taz-zewg kawzi.

"L-eccezzjoni preliminari tal-konvenut dwar n-nullita' u l-improponibilita' tal-azzjoni attrici ghalhekk ma tirizultax legalment fondata u qed tigi michuda.

"Fil-mertu, saru konsiderazzjonijiet fit-tul fil-kawza fl-ismijiet inversi Numru 45/2009RGM li ghalihom qed issir ampia referenza.

"Dwar r-responsabilita' ghat-tifrik taz-zwieg il-Qorti iddecidiet fis-sentenza fl-ismijiet inversi illi z-zewg partijiet jahtu ghall-falliment ta' dan iz-zwieg ghar-ragunijiet indikati f'dik is-sentenza. F'dik is-sentenza il-Qorti applikat kontra l-attrici odjerna parti mis-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 (1) (c) tal-Kap. 16. Id-dritt taghha li titlob manteniment minghand zewgha baqa' impregudikat.

"Skont l-**Artikolu 3 tal-Kap 16**:

> " Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skont il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra

> mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja".

"Imbaghad skont l-Artikolu 20(1):

> "Il-manteniment ghandu jinghata skont il-bzonn ta' minn jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih".

"Fil-kawza fl-ismijiet "**Angela Conti vs Lawrence Bonnici**" deciza mill-Qorti tal- Appell fis-6 ta' frar 2015 gie dikjarat li:

"Wiehed l-ewwel net ghandu jifhem li f'ezercizzju bhal dak li taghmel Qorti meta tiffissa l-hlas ta' manteniment l-istess Qorti tkun qed taghmel apprezzament tal-fatti li jkollha quddiemha u mbaghad skont l-artikoli fuq imsemmija tal-Kodici Civili tasal ghall-konkluzjoni taghha dwar x'ghandu jkun ammont gust li jithallas".

"Fil-kawza fl-ismijiet "**Catherine Mifsud vs Louis Mifsud"** deciza mill-Qorti tal- Appell fil-25 ta' Ottubru 2013 gie dikjarat li:

> "Il-manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta' min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta hemm il-bzonn (L-Artikolu 20.1 tal-Kodici Civili jghid li l-manteniment ikun dovut skont il-bzonn ta' min qed jitolbu). Skont is-subincizi l-ohra tal-istess artikolu l-manteniment ghandu jigi ffissat skont il-mezzi ta' min huwa obbligat jivversah u dawn il-mezzi jinkludu l-qliegh mill-attivita' tieghu u anke l-utili tal-beni tieghu".

"Fil-kawza odjerna l-attrici ssostni illi hija impeduta milli tahdem minhabba kondizzjoni medika li ssofri minnha. L-attrici ipprezentat certifikati medici[6], li tbaghti minn depression/anxiety u *chronic mood disorder and severe anxiety*, tattendi regolarment il-psychiatric outpatents u qed tinghata l-medikazzjoni indikata ghal din t-tip ta' kondizzjoni. Il-Psikjatra Dr Jean Pierre Giorgio f'certifikat datat 6 ta' April 2017 iccertifikat illi l-attrici, "... is suffering from depression/anxiety for which she is having the following medication: Paroxetine 20mg 11/2 - 1 - 0 u Lorazepam 1mg dly prn." F'certifikat mediku iehor rilaxxjat mill-Isptar Mater Dei fl-1 ta' Lulju 2013 gie certifikat illi l-attrici "... attends psychiatric outpatients regularly, and has done so since early 2011. She suffers from a chronic mood disorder and severe anxiety. She remains vulnerable to stress." L-istess certifikat jipreskrii tlett tipi ta' medicina, tnejn minnhom dawk indikati fic-certifikat tas-6 ta' April 2017. Minn dawn iz-zewg certifikati huwa evidenti illi l-patologija psikjatrika li tbati minnha l-konvenuta ilha maghha sa mill-anqas 2011 u ilha ta' lanqas minn dak iz-zmien bil-kura medika imsemmija. L-attrici ssostni illi l-kondizzjoni medika li minnha ssofri ma tippermettiliex li tohrog fid-dinja tax-xoghol barra d-dar.

"Ghalkemm il-Qorti qed tqis li l-attrici tbati minn kondizzjoni medika kronika, ma jirrizutax illi hija impeduta kompletament milli tahdem

[6] Fol 22 u 23.

f'xoghol adattat, ghalkemm ghal hin ridott. Fl-istess hin il-qorti tirrimarka illi tenut kont li l-attrici qattghet snin twal tiddedika l-energija kollha taghha sabiex tiehu hsieb il-familja, l-ulied minuri u d-dar u ma kellhiex impieg barra d-dar; tenut kont il-limitazzjoni li ghandha f'dak li hu potenzjal lavorattiv; tenut kont illi l-konvenut ghandu impieg li jiggenera dhul mensili tajjeb ta' medja cirka €7,500 fix-xahar; u tenut kont il-livell ta' ghixien gholi li l-konvenuta kienet tgawdi meta l-partijiet kienu ghadhom jghixu flimkien, il-Qorti qed tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta bhala manteniment ghaliha s-somma ta' erba' mija u hamsin ewro (Euro 450)[7] fix-xahar b'effett millum b'dan illi l-manteniment pagabbli sallum ghandu jibqa' regolat bid-digrieti pendente lite. Il-manteniment hawn ordnat jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja. Tali manteniment m'ghandux jigi ridott jew terminat anke jekk l-attrici ssib impieg, full-time jew part-time, purche' d-dhul mensili taghha minn tali impieg ma jeccediex il-paga minima nazzjonali. F'kaz li s-salarju eventwali taghha jeccedi l-paga minima nazzjonali effettiva fiz-zmien rilevanti, allura l-manteniment hawn stabbiliti jigi ridott bid-differenza bejn il-paga minima nazzjonali u s-salarju net talvolta pagabbli lill-attrici."

L-Appell

6. Il-konvenut qed jibbaza l-appell tieghu fuq dak li skont hu huwa apprezzament hazin tal-fatti maghmul mill-ewwel Qorti li ma haditx konjizzjoni ta' certu elementi ta' prova kif ukoll interpretat hazin certu fatti.

7. Abbazi ta' dan l-aggravju l-konvenut qed jitlob li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata kif ukoll id-Digriet Appellat u tichad it-talba tal-attrici; *in subsidium*, fil-kaz li din il-Qorti tkun tal-fehma li m'ghandhiex tirrevoka is-sentenza u d-digriet appellati, tirriduci s-

[7] B'digriet datat 11 ta' April 2018 il-Qorti ordnat korrezzjoni fis-sens 'illi erba' mija u hamsin Ewro (€450) jigu kancellati u sostitwiti bil-kliem u numru sitt mija u hamsin Ewro (€650)'.

somma li hu ghandu jhallas lil martu *"ghal somma li tirrifletti l-qaghda finanzjarja tal-partjiet, ic-cirkostanzi taghhom u l-bzonnijiet tal-appellata."*

8. Min-naha taghha l-attrici qed titlob li, ghar-ragunijiet spjegati minnha fir-risposta taghha, din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

Punt Preliminari

9. Fir-risposta taghha l-attrici tghid li l-appell tal-konvenut gie prezentat barra mit-terminu ta' 20 jum mid-data tas-sentenza appellata u ghalhekk ghandu jigi dikjarat null. Din il-Qorti tissenjala fir-rigward li ai termini tal-Artikolu 285 [2] tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili t-terminu fuq indikat jibda jiddekorri mid-data tad-digriet moghti fuq t-talba ghall-korrezzjoni. Fil-kaz odjern, id-digriet appellat kien inghata fil-11 ta' April 2018, filwaqt li r-rikors tal-appell gie prezentat fis-27 ta' April 2018; ghalhekk fit-terminu preskritt mil-ligi. Ghaldaqstant dan l-ilment tal-attrici huwa fattwalment u legalment insostenibbli.

L-Aggravju

10. Kif gja' fuq indikat l-aggravju tal-konvenut huwa dirett lejn l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti fil-kawza odjerna. Bazikament huwa jilmenta: li l-ewwel Qorti ssejjes il-gudizzju taghha fuq numru ta'

assunzjonijiet li ma kienux necessarjament isegwu mill-evidenza; li l-attrici qarrqet bl-ewwel Qorti fil-pjan taghha li tkisser lill-konvenut kemm mentalment kif ukoll finanzjarjament; li minkejja li l-attrici ghadha tajba ghax-xoghol riedet li akkost ta' kollox tiehu manteniment minghandu *"sa anke waslet biex tghawweg il-fatti taht gurament u tipprova tpingi lill-esponent bhala adulterju li ma jimpurtahx minn uliedu u familtu";* li l-attrici kienet akkuzatu ingustament b'adulterju li skond hi wassal ghat-thassir tar-relazzjoni konjugali bejniethom, u jissenjala li martu kienet terribbilment ossessjonata li hu kellu relazzjoni extra-konjugali bir-rizultat li l-agir taghha kien wiehed ta' tghajjir, gideb kontinwu w allegazzjonijiet fiergha; jakkuza lill-attrici b'tattika qarrieqa u sottili bl-iskop li tghawweg il-fatti.

11. Il-konvenut ikompli jghid li hu mhuwiex minnu dak allegat mill-attrici li hi qeghda fi bzonn finanzjarju u ghalkemm tiehu l-beneficcju socjali, hi *ghandha "hilijiet ta' bilhaqq notevoli fix-xoghol tal-hjata kif ukoll certifikat fis-suggett tal-accounts."* Jispjega li l-hila li l-attrici ghandha fix-xoghol tal-hjata, tant li kif jirrizulta mill-provi hija thit ilbiesi tat-tigijiet, ilbiesi tal-*going away* kif ukoll tahdem il-parrokki, u ghalhekk tista' facilment tahdem mid-dar u tippercepixxi introjtu regolari u adegwat.

12. Dwar il-beneficcju mis-servizzi socjali l-konvenut jghid li l-attrici inhbiet wara l-iskuza li tbati minn *chronic mood disorder and severe anxiety* bir-rizultat li kienet giet certifikata li mhijiex tajba ghax-xoghol u

ghalhekk giet *boarded out.* Jghid li minkejja li dan, ma gie prezentat ebda dokument li jsostni li hi verament mhijiex tajba ghax-xoghol.

13. Il-konvenut jissenjala li ma tressqet ebda prova sodisfacenti dwar l-ispejjez inkorsi minnha u ghalhekk ma jistax jifhem kif l-ewwel Qorti akkordat it-talba taghha minghajr l-ebda dokumentazzjoni dwar il-pretensjoni li fuqha hija bbazata t-talba taghha ghall-manteniment minghand zewgha.

14. Huwa jiccita gurisprudenza fis-sens li l-fatt li l-mara ma tahdimx ma jfissirx li m'ghandhiex il-potenzjal li tahdem u tiggenera introjtu ghaliha u jekk il-mara fiz-zwieg ma kinitx tiggenera introjtu, wara s-separazzjoni hija ghandha l-obbligu li tuza l-hila u l-potenzjal lavorattiv taghha sabiex tiggenera introjtu ghal ghejxien taghha.

15. Imbaghad il-konvenut jghaddi sabiex jilmenta minn dik il-parti li tirrigwarda l-*quantum* tal-manteniment li hu gie ordnat ihallas u jirreferi ghall-kuntrast bejn il-veru introjtu percepit minnu u dak allegat mill-attrici. Jispjega li l-ammont mensili ta' €5,641.71 mhuwiex il-veru introjtu tieghu ghax dan jinkludi allowances, xoghol fil-hdud u festi kif ukoll sieghat twal ta' overtime [skond hu obligatorju]. Jghid li s-salarju baziku veru tieghu huwa ta' €4,258.33 gross kif jirrizulta mill-*payslips* esebiti. Jghid li fid-dawl ta' dawn il-fatturi l-ammont ta' €650 fix-xahar bhala manteniment ghal martu huwa eccessiv.

16. Jissenjala li hekk kif issottometta quddiem l-ewwel Qorti, fis-sena 2017 l-introjtu tieghu kien qawwi hafna minhabba li kien hemm tibdil fis-sistema kif tahdem il-kumpanija u ghalhekk l-impjegati kienu kostretti jahdmu sieghat twal ta' overtime. Dik is-sena kienet straordinarja ghall-ekonomija tal-kumpanija fejn kien jahdem u l-overtime li hadem f'dik is-sena m'ghandux jittiehed bhala l-kejl tal-introjtu tieghu regolari, il-manteniment kellu jinhadem fuq il-paga bazika tieghu u mhux fuq l-introjtu ta' sena wahda biss, anke jekk kienet l-ahhar sena qabel ma inqatghet il-kawza. In sostenn ta' dan, fil-mori tal-appell u precizament fl-udjenza tat-23 ta' Mejju 2019 huwa pprezenta l-FS3 ghas-sena bazi 2018 minn fejn jirrizulta li l-introjtu gross tieghu kien ta' €106,618 filwaqt li l-paga bazi fil-gimgha kienet €982.69 jigifieri €3,931 kull erba' gimghat oltre l-overtime.

17. Il-konvenut jikkonkludi billi jissenjala li skond is-sentenza li ddecidiet is-separazzjoni personali, l-attrici ghandha tiehu l-ammont ta' €56,250 [mid-differenza taz-zewgt idjar], circa €10,000 mill-hajja tal-assigurazzjoni tal-konvenut, oltre is-somma ta' €650 fix-xahar li minnha qed jilmenta f'dan l-appell.

18. Min-naha taghha l-attrici tilqa' ghall-aggravju tal-konvenut bil-mod segwenti. Hija tghid li ladarba l-konvenut huwa hati tal-firda allura huwa ghandu l-obbligu li jissomministra manteniment sabiex hi tkun tista' tghix

decenti, f'ammont li jirrifletti l-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet taghha. Tissenjala li hi tbati mill-kondizzjoni medika li qed timpediha milli tahdem u li dan kien tort tal-konvenut. Din il-kondizzjoni medika kienet accettata bhala fatt veritier mill-ewwel Qorti kif ukoll mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali li gharrfu li l-attrici mhux tajba ghax-xoghol u ghalhekk giet ufficjalment *boarded out.*

19. Apparti minn hekk tghid li llum ghandha circa 51 sena u hi maqtugha mill-hajja lavorativa minhabba li fiz-zwieg il-konvenut ma ridhiex tohrog tahdem u kienet tibqa' id-dar tiehu hsieb il-familja, inkluz li trabbi z-zewgt itfal taghhom li llum huma maggorenni.

20. L-attrici taghmel referenza ghall-introjtu qawwi li ghandu l-konvenut mill-impieg tieghu, liema introjtu jista' jizdied kemm-il darba jahdem *overtime*. Tissenjala li, tenut kont l-introjtu mensili tieghu, ma jistax validament jinghad li l-ammont ta' manteniment mensili fissat mill-ewwel Qorti huwa eccessiv, tenut kont ukoll il-bzonnijiet tal-attrici li, minhabba l-kondizzjoni medika taghha, mhijiex fil-pozizzjoni li tiggenera introjtu adegwat ghaliha.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

21. Fl-ewwel lok din il-Qorti tissenjala li l-argumenti tal-partijiet rigwardanti l-htija reciproka ghas-separazzjoni personali huma ormai

skaduti stante li din il-vertenza giet defenittivament deciza permezz tas-sentenza fl-ismijiet inversi moghtija fis-27 ta' Frar 2018 fil-kawza numru 45/09 li minnha ma sar ebda appell. F'dik is-sentenza l-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] iddecidiet li l-htija ghas-separazzjoni kienet taz-zewg partijiet u, stante li ma saret ebda graduwatorja dwar il-htija, din ghandha titqies li hija attribwibbli lilhom f'porzjoni ugwali. Dan huwa rifless fil-kap tal-ispejjez li gew akkollati liz-zewg partijiet fi kwoti ugwali.

22. Ta' relevanza ghall-finijiet ta' dan l-appell hija dik il-parti tad-decizjoni fil-kawza 45/09 fejn l-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] uzat id-diskrezzjoni attribwita lilha mill-artikoli 51 u 52 tal-Kodici Civili billi ordnat li, minkejja li l-attrici fil-kawza odjerna, kienet tahti wkoll ghas-separazzjoni, hi ma tilfitx id-dritt taghha li tezigi manteniment ghaliha minghand zewgha, il-konvenut.

23. Jirrizulta car minn dan l-appell li l-kontestazzjoni tal-konvenut hi li, hu m'ghandux jigi kkundannat ihallas manteniment u, *in subsidium* jekk it-talba tieghu ma tintlaqax, l-*quantum* tal-manteniment fissat mill-ewwel Qorti huwa eccessiv u ghalhekk qed jitlob li dan jigi ridott.

24. Dwar l-ewwel talba, jigifieri li hu m'ghadux jigi kkundannat ihallas manteniment lill-attrici, ghax skont hu din kapaci tahdem u tiggenera introjtu ghaliha, kif ukoll ghax anke hi hi hatja ghas-separazzjoni personali, din il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta car li, ftit taz-zmien

wara z-zwieg, l-attrici kienet waqfet tahdem sabiex tkun tista' tiehu parti attiva fit-trobbija tat-tfal u thares il-bzonnijiet tal-familja, bir-rizultat li llum li ghandha certu eta` kif ukoll tbati minn kondizzjoni medika kronika, il-potenzjal lavorattiv taghha huwa necessarjament limitat. Zgur m'ghandux ikun li, wiehed mill-konjigi li qatta' zmien twil fil-konvivenza matrimonjali jiehu hsieb il-bzonnijiet tal-familja, inkluz it-trobbija oneruza tat-tfal u jiddedika l-energija kollha tieghu ghall-beneficcju tal-familja, m'ghandux habta u sabta jispicca minghajr sostenn finanzjarju kagun tas-separazzjoni personali. Ghalhekk fil-kaz odjern, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti fl-uzu tad-diskrezzjoni taghha li l-attrici ghandha dritt tircievi sostenn finanzjarju minghand zewgha wara li sehhet is-separazzjoni.

25. Dwar il-*quantum* tal-manteniment fissat mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li, ghalkemm l-ewwel Qorti ikkomputat il-manteniment mensili ta' €650 fuq introjtu nett mensili ta' medja circa €7,500, l-ammont ta' €650 *per se* mhuwiex eccessiv anke jekk jittiehed abbazi tal-introjtu mensili ta' circa €4,000 percepit fis-sena 2016 kif qed jippretendi l-konvenut. M'ghandux ikun hemm dubju li l-obbligu primarju li jmantni lill-attrici martu mhuwiex tal-Istat, tramite il-beneficcji socjali, izda tal-konvenut zewgha u ghalhekk l-attrici m'ghandhiex tkun kostretta taqa' fuq il-beneficcji socjali li l-konvenut ghandu mezzi adegwati.

26. Fil-kaz odjern, ghalkemm il-konvenut jghid li s-sena 2017 kienet wahda straordinarja ghax fiha kien kostrett jahdem hafna *overtime* ma giex sufficjent provat li fis-snin sussegwenti ma kienx ser ikollu l-opportunita` li jahdem numru ta' sieghat f'overtime biex jawmenta l-introjtu tieghu, anzi d-Dok FS3 ghas-sena bazi 2018 pprezentata mill-istess konvenut jimmilita kontra t-tezi tieghu fir-rigward, u ghalhekk din il-Qorti ma tarax li hemm raguni valida li ghaliha ghandha tiddisturba l-apprezzament maghmul tal-ewwel Qorti fir-rigward meta kkomputat l-ammont mensili ta' €650 fuq bazi ta' introjtu mensili ta' €7,500. Apparti minnhekk, kif din il-Qorti diga` osservat, l-manteniment fissat mill-ewwel Qorti mhuwiex eccessiv u ghal kuntrarju bazat fuq l-introjtu tal-konvenut huwa pjuttost baxx.

27. Ferm il-premess, din il-Qorti tosserva li, minkejja l-obbligu tal-konvenut li ghandu introjtu regolat u adegwat li jissomministra manteniment lill-martu, anke l-attrici ghandha l-obbligu li wara s-separazzjoni tghin lilha innifisha billi tuza l-potenzjal lavorattiv taghha biex tiggenera introjtu li jikkomplimenta, il-manteniment dovut lilha. Din il-Qorti tirribadixxi:

> "…. Meta issehh is-separazzjoni personali bejn il-mizzewwgin, kemm jekk legali wkoll jekk konsenswali, jinbidel l-ordni tal-affarijiet bejniethom fis-sens li jispicca l-obbligi tal-koabitazzjoni u, ghalkemm jibqa' mhux mittiefes l-obbligu tal-assistenza reciproka fejn dan ikun methieg, jekk bhal fil-kaz odjern, il-mara fiz-zwieg ma kinitx tiggenera introjtu, wara s-separazzjoni hija ghandha l-obbligu li tuza' l-hila u l-potenzjal lavorattiv taghha sabiex tiggenera introjtu ghal ghejxien taghha….. Jekk imbaghad minhabba cirkostanzi li ma jkunux fil-kontroll tal-konjugi, bhal fil-kaz ta' mard, dan ma jkunx fil-pozizzjoni li jiggenera introjtu adetwat ghall-

> manteniment tieghu innifsu allura, sakemm ma tkunx giet pronunzjata kontra tieghu d-dekadenza mid-dritt li jircievi manteniment, il-konjugi l-iehor li jkollu mezzi adegwati ghandu l-obbligu li jkompli jmantni lil dak il-konjugi, u f' dan il-kaz japplikaw il-kriterji kontemplati fl-artikolu 20 tal-Kodici Civili u cioe' li manteniment li jinghata ghandu jitqies skond il-bzonn u l-hila lavorattiva ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min hu obbligat li jissoministrah…. L-attrici m'ghandhiex tibqa' tiddependi mill-manteniment ta' zewgha ghal dejjem, tenut kont kemm tal-eta` taghha kif ukoll tal-fatt li ma jirrizultax li hi tbati minn xi kondizzjoni medika li timpediha milli tahdem u tiggenera introjtu."[8]

28. Il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti applikat korrettament il-principji legali esposti bil-bran fuq citat. Dik il-Qorti hadet konjizzjoni tal-kondizzjoni medika kronika li tbati minnha l-attrici u waslet ghall-konkluzjoni korretta li mill-atti ma jirrizultax li l-attrici mhijiex tajba sabiex tahdem u tiggenera introjtu, anke fuq bazi part-time. Dan hu izjed facli ghall-attrici meta jigi ikkunsidrat li hi ghandha s-sengha ta' hajjata u li fil-passat kienet tiggenera introjtu minnha u li issa tippermettilha sabiex tahdem mid-dar, liema fattur zgur li jagevola l-pozizzjoni tal-attrici fir-rigward.

29. Ghalkemm l-attrici tghid li hi mhijiex tajba ghax-xoghol u li kienet giet *boarded out*, minn imkien ma jirrizulta, ghajr ghax-xhieda taghha, li fil-fatt kienet giet dikjarata mhux tajba ghax-xoghol. Din il-Qorti ezaminat ukoll l-atti voluminuzi[9] tal-kawza 45/09 u ma sabitx dokument jew xhieda ta' rapprezentant tad-dipartiment koncernat li jikkonfermaw it-tezi taghha. F'dik il-kawza hemm biss certifikat mediku[10], b'data

[8] App.C 136/2006 Maria Abdilla vs Peter Abdilla, deciz 31 ta' Ottubru 2014 – para.8.
[9] 7 volumi
[10] Kawza 45/09 Dol.A Fol. 755

illegibbli, izda li gie prezentat ma' affidavit prezentat fil-5 ta' Jannar 2012, li jghid li l-attrici ma kinitx tajba ghax-xoghol ghal tnax-il xahar. Ma jirrizulta ebda dokument li jiccertifika li l-attrici li llum ghandha circa 51 ma tistax tahdem *vita natural durante* u ghalhekk ghal ghixien taghha tiddependi biss minn zewgha u minn xi beneficcji socjali li talvolta tkun intitolata ghalihom. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta iddecidiet li, minkejja l-kondizzjoni medika taghha, l-attrici ghad ghandha potenzjal lavorattiv.

30. Rigward l-ilment tal-konvenut li l-attrici ma prezentatx lista tal-ispejjez li ghandha ghall-htigijiet taghha, din il-Qorti tissenjala li l-ispejjez li persuna tal-eta` tal-attrici tinhtieg ghall-ghixien taghha huma fuq bazi generali noti ghal din il-Qorti u l-ammont ta' manteniment fissat mill-Qorti bilkemm ikopri dawk l-ispejjez, li kieku mhux ghall-fatt li l-attrici ghandha d-dar taghha, fejn tabita.

31. Tibqa' biex tigi kkunsidrata s-sottomissjoni tal-konvenut li, wara l-qsim tal-assi tal-komunjoni, l-attrici ser ikollha f'idejha l-ammont ta' €56,250 imhallas lilha mill-konvenut bhala ekwiparazzjoni rizultat tad-diskrepanza tal-valuri taz-zewgt idjar li kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk ma hemmx dak il-bzonn li jinnecessita li martu tigi mantnuta minnu. Din il-Qorti taqbel parzjalment mal-konvenut fir-rigward. Ghalkemm kif fuq indikat l-ammont mensili ta' €650 mhuwiex eccessiv kif sostnut minnu, il-fatt li l-attrici ghandha

ghad-dispozizzjoni taghha dik is-somma pjuttost ingenti, idghajjef ir-rekwizit tal-bzonn da parti tal-attrici b'mod li jrendi opportuna riduzzjoni fl-imsemmi ammont mensili, liema riduzzjoni din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tkun ta' €50 biex b'hekk il-manteniment mensili dovut mill-konvenut lill-attrici jkun ta' €600 u mhux ta' €650.

32. Ghaldaqstant l-aggravju tal-konvenut qed jitqies gustifikat fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi u qed jigi hekk milqugh.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tirriduci l-ammont ta' manteniment mensili li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici ghal sitt mitt euro [€600] u tichad l-appell ghall-kumplament;  tikkonferma s-sentenza appellata ghal bqija.

Spejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi fil-waqt li dawk tal-appell odjern ikunu a kariku tal-partijiet in kwantu ghal tlett kwarti [3/4] mill-konvenut u r-rimanenti kwart [1/4] ikun a kariku tal-attrici.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr